IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2020
COM(2020) 810 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

li jevalwa s-sejbiet ewlenin tal-istudji pilota stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/792 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar

1. KUNTEST

Ir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-ġie adottat f'Mejju 2016[1]. Dan ir-Regolamdjar ent jistabbilixxi qafas komuni għall-iżvilupp, għall-produzzjoni u għad-disseminazzjoni tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP), l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur b'rati tat-Taxxa Kostanti (HICP-CT), l-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar Okkupati mis-Sidien (OOHPI) u l-Indiċi tal-Prezzijiet tad-Djar (HPI).Dawn l-erba' indiċijiet flimkien jissejħu l-"indiċijiet armonizzati".

L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/792 jagħmilha possibbli għall-Kummissjoni li tniedi studji pilota, li għandhom jitwettqu fuq bażi volontarja mill-Istati Membri, kull meta tkun meħtieġa informazzjoni bażika mtejba għall-kompilazzjoni tal-indiċijiet armonizzati, jew meta tiġi identifikata l-ħtieġa għal komparabbiltà mtejba tal-indiċijiet armonizzati.

Il-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' dawn l-istudji pilota, fejn xieraq.

Dawn l-istudji għandhom jivvalutaw il-fattibbiltà li tinkiseb informazzjoni bażika mtejba jew li jiġu adottati approċċi metodoloġiċi ġodda.

Ir-riżultati tal-istudji pilota għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-utenti ewlenin tal-indiċijiet armonizzati, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji li jkun hemm informazzjoni bażika mtejba jew approċċi metodoloġiċi ġodda relattivi għall-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni ta' indiċijiet armonizzati.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa, jekk ikun applikabbli, is-sejbiet ewlenin tal-istudji pilota sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull 5 snin wara dan. Dan ir-rapport jissodisfa dan l-obbligu.

2. STUDJI PILOTA MWETTQA SKONT IR-REGOLAMENT (UE) 2016/792

Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/792, tlestew żewġ rawnds ta' studji pilota, appoġġati minn għotjiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2016 u l-2017. Tnedew aktar rawnds fis-snin sussegwenti, iżda l-istudji ffinanzjati taħt dawn ir-rawnds għadhom għaddejjin u għadhom ma jistgħux jiġu evalwati.

2.1. Studji pilota bbażati fuq il-baġit tal-2016

Fl-2016, tnediet sejħa għal proposti[2], li tkopri l-objettivi li ġejjin:

Objettiv A: Ir-rabta awtomatika tal-kodiċijiet GTIN[3]/kodiċijiet speċifiċi għall-ħwienet mal-ECOICOP[4]

Objettiv B: L-implimentazzjoni ta' *data* mill-iskeners mis-supermarkets jew minn bejjiegħa bl-imnut oħrajn

---

1 ĠU L 135, 24.5.2016, p. 11.

2 Ristretta għall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA).

3 Numru tal-Oġġett tal-Kummerċ Globali.

4 Klassifikazzjoni Ewropea tal-Konsum Individwali skont l- Għan.

Objettiv C:	L-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda għall-ipproċessar tad-*data* mill-iskeners jew *data* oħra dwar it-tranżazzjonijiet
Objettiv D:	Il-web scraping bħala sors għall-HICP
Objettiv E:	It-titjib tal-kompilazzjoni tal-ponderazzjonijiet tan-nefqa għall-HICP, inkluż il-ponderazzjonijiet għax-xiri fuq l-internet

L-ewwel tliet objettivi kellhom l-għan li jistudjaw aspetti tekniċi varji relatati mal-użu ta' informazzjoni bażika mtejba li ġejja minn *data* mill-iskeners minn supermarkets jew minn bejjiegħa bl-imnut oħrajn. Sors ġdid ieħor għal informazzjoni bażika mtejba hija d-*data* miġbura awtomatikament mill-internet ("web scraping"), li hija koperta mir-raba' objettiv. Dawn l-objettivi jappoġġaw ukoll l-istudji metodoloġiċi li jtejbu l-komparabbiltà tal-indiċijiet armonizzati fir-rigward tal-ipproċessar ta' dawn is-sorsi ġodda ta' *data*. Il-ħames objettiv għandu l-għan li jwassal għal komparabbiltà aħjar bejn il-pajjiżi u għal aċċess għal informazzjoni bażika mtejba dwar il-kompilazzjoni ta' ponderazzjonijiet tan-nefqa, speċifikament minħabba s-sehem dejjem jikber ta' xiri fuq l-internet f'ħafna Stati Membri.

Ingħataw għotjiet lil 15-il studju pilota f'10 Stati Membri u lil pajjiż wieħed tal-EFTA. Mill-15-il studju, tmienja kienu relatati mad-*data* mill-iskeners (l-objettivi A, B u C), sitta mal-web scraping (l-objettiv D) u wieħed mal-ponderazzjonijiet tan-nefqa (l-objettiv E). Il-baġit totali għal dawn il-proġetti kien ta' EUR 1 180 835,04.

Is-sejħa għall-proposti tal-2016 inkludiet ukoll objettivi relatati mal-istatistika dwar il-proprjetà immobbli. Madankollu, dawn l-istudji koprew suġġetti li ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/792 (indikaturi tal-bejgħ trimestrali tad-djar, indiċijiet reġjonali tal-prezzijiet tad-djar u indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali). Għalhekk, il-proġetti ffinanzjati taħt dawn l-objettivi mhumiex meqjusa bħala studji pilota fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/792.

2.2. Studji pilota bbażati fuq il-baġit tal-2017

Fl-2017, tnediet sejħa ġdida għall-proposti[5], li tkopri l-objettivi li ġejjin:

Objettiv 1:	L-implimentazzjoni tad-*data* tat-tranżazzjonijiet fil-proċessi ta' kompilazzjoni tal-HICP
Objettiv 2:	L-adattament tal-metodoloġiji tal-kampjunar u tal-kompilazzjoni tal-HICP għall-isfidi tal-ekonomija diġitali
Objettiv 3:	It-titjib tal-metodi ta' aġġustament tal-kwalità għall-HICP

L-ewwel objettiv stieden aktar studji pilota dwar l-użu ta' *data* mill-iskeners minn supermarkets jew minn ħwienet oħrajn, biex tittejjeb l-informazzjoni bażika u l-komparabbiltà tal-metodi li fuqhom huwa bbażat l-HICP[6]. L-objettivi 2 u 3 kellhom l-għan li jtejbu l-komparabbiltà ta' aspetti varji tal-metodoloġija tal-HICP, b'mod partikolari t-teħid ta' kampjuni u l-aġġustament tal-kwalità. Iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u tal-ekonomija ġġib magħha sfidi għall-kejl tal-prezzijiet, li jistgħu jiġu studjati taħt dawn l-objettivi.

5 Ukoll ristrett għall-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tal-EFTA.

6 Billi l-HICP b'rati ta' taxxa kostanti (HICP-CT) huwa derivat mill-HICP, kwalunkwe titjib fl-HICP japplika bl-istess mod għall-HICP-CT. Fil-bqija ta' dan ir-rapport, l-"HICP" jinkludi wkoll l-HICP-CT.

Ingħataw għotjiet lil 15-il studju pilota f'disa' Stati Membri u f'pajjiż wieħed tal-EFTA. Mill-15-il studju, ħamsa kienu relatati mad-*data* mill-iskeners (objettiv 1), ħamsa mal-ekonomija diġitali (objettiv 2) u ħamsa mal-aġġustament tal-kwalità (objettiv 3). Il-baġit totali għal dawn il-proġetti kien ta' EUR 1 081 642,46.

Bħas-sejħa għall-proposti tal-2016, is-sejħa tal-2017 inkludiet ukoll objettivi relatati mal-istatistika dwar il-proprjetà immobbli li jkopru suġġetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/792 (indikaturi tal-bejgħ trimestrali tad-djar, indiċijiet reġjonali tal-prezzijiet tad-djar u indikaturi tal-proprjetà immobbli kummerċjali). Għalhekk, il-proġetti ffinanzjati taħt dawn l-objettivi wkoll mhumiex meqjusa bħala studji pilota fis-sens tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/792.

3. EVALWAZZJONI TAL-ISTUDJI PILOTA

Filwaqt li l-Kummissjoni hija responsabbli biss għall-evalwazzjoni u għall-approvazzjoni tar-rapporti finali tal-istudji pilota, ir-riżultati huma kondiviżi mal-istituti nazzjonali tal-istatistika ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi tal-EFTA u mal-Bank Ċentrali Ewropew, li huwa l-utent ewlieni tal-HICP. L-istudji pilota huma ppreżentati f'workshops, kemm waqt li jkunu għaddejjin kif ukoll meta jitlestew. Ir-rapporti finali huma kondiviżi fost l-istituzzjonijiet ta' hawn fuq permezz ta' applikazzjoni online (CIRCABC, iċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini).

Din il-kondiviżjoni ta' informazzjoni tippermetti lill-istituti nazzjonali tal-istatistika kollha biex jieħdu nota tal-esperjenzi tal-oħrajn u jitgħallmu minnhom. Is-sejbiet tal-istudji pilota huma diskussi wkoll fost il-pari, u dan jgħinhom jidentifikaw l-aħjar prattiki. Dan irawwem fehim komuni u approċċi komuni, li huma vitali għat-titjib tal-komparabbiltà tal-indiċijiet armonizzati fuq bażi kontinwa.

L-istudji pilota mnedija fl-2016 u l-2017 wasslu għal għadd akbar ta' pajjiżi li jużaw *data* mill-iskeners u/jew li jużaw il-web scraping bħala sorsi tad-*data* għall-HICP. L-għadd ta' gruppi ta' prodotti li huma koperti minn dawn is-sorsi ġodda ta' *data* qed jiżdied ukoll b'mod kostanti.

Bħalissa, 10 Stati Membri u t-tliet pajjiżi tal-EFTA kollha jużaw id-*data* mill-iskeners sa ċertu punt bħala sors ta' *data* għall-HICP tagħhom. Barra minn hekk, stħarriġ li sar fil-bidu tal-2020 fost l-istituti nazzjonali tal-istatistika żvela li bħalissa 15-il Stat Membru u żewġ pajjiżi tal-EFTA japplikaw il-web scraping, fi gradi differenti, fil-produzzjoni tal-HICP tagħhom.

Il-vantaġġi ewlenin tas-sorsi l-ġodda tad-*data* huma ż-żidiet fil-kopertura u fir-rappreżentattività tal-kampjuni li jistgħu jinkisbu, meta mqabbla mal-ġbir tradizzjonali "manwali" tal-prezzijiet fil-ħwienet, li jwassal għal kejl aktar affidabbli tal-bidliet fil-prezzijiet. Fl-istess ħin, is-sorsi l-ġodda tad-*data* huma ġeneralment inqas għaljin mill-metodi tradizzjonali tal-ġbir tal-prezzijiet.

Iż-żieda fl-użu ta' sorsi ġodda ta' *data* mhijiex biss minħabba l-istudji pilota ffinanzjati mill-UE, peress li ħafna pajjiżi wettqu l-ħidma meħtieġa ta' ttestjar u ta' żvilupp mill-baġits tagħhom stess. Madankollu, l-istudji pilota taw kontribut sinifikanti għall-progress fl-użu ta' sorsi ġodda ta' *data* għall-HICP.

Huwa inqas faċli li wieħed jevalwa l-kontribut tal-proġetti dwar il-komparabbiltà mtejba (objettiv E fl-2016 u objettivi 2 u 3 fl-2017). Madankollu, ir-riżultati tal-biċċa l-kbira tal-proġetti (eż. il-proċeduri mtejba ta' teħid ta' kampjuni u ta'

aġġustament tal-kwalità) ġew, jew se jiġu implimentati fl-HICP u b'hekk se jtejbu l-kwalità tal-HICP fil-pajjiżi rispettivi. Il-proġetti kkontribwew ukoll għall-ġabra komuni ta' għarfien u esperjenza dwar il-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni u tal-aġġustament tal-kwalità, u b'hekk ġeneralment jippromwovu l-armonizzazzjoni. Pereżempju, is-sejbiet se jintużaw fl-iżvilupp ta' gwida u rakkomandazzjonijiet imtejba dwar dawn il-proċeduri, inklużi aġġornamenti għall-Manwal Metodoloġiku tal-HICP[7] u, fl-aħħar mill-aħħar, jistgħu jwasslu għal atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/792.

4. KONKLUŻJONIJIET

L-evalwazzjoni tas-sejbiet tal-istudji pilota ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni fl-2016 u l-2017, kif ippreżentati f'dan ir-rapport, turi li dawn ikkontribwew b'mod sinifikanti għall-iżvilupp u l-użu ta' sorsi ġodda ta' *data* fl-HICP. Barra minn hekk, diversi Stati Membri u pajjiżi tal-EFTA setgħu jtejbu l-approċċi metodoloġiċi tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħażna ta' għarfien komuni dwar dawn il-kwistjonijiet. B'mod partikolari, l-użu ta' sorsi ġodda ta' *data* se jtejjeb il-kwalità tal-HICP filwaqt li jnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis li l-istudji pilota huma strument importanti fit-titjib kontinwu tal-indiċijiet armonizzati u għalhekk għandha l-ħsieb li tkompli bil-finanzjament tagħhom.

7 Ara https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/9479325/KS-GQ-17-015-EN-N.pdf/d5e63427-c588-479f-9b19-f4b4d698f2a2.